**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *John Stanley għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

[1] ĠU C 145, 25.4.2016, p. 37.

---

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2016 – ZZ vs Il-Parlament

**(Kawża F-38/16)**

(2016/C 364/76)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: C. Bernard-Glanz, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni għas-sena 2014, kif iffinalizzat permezz tad-deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2015 u tad-deċiżjoni ta' attribuzzjoni tal-punti ta' mertu għas-sena 2014 kif ukoll tad-deċiżjoni ta' nuqqas ta' promozzjoni fir-rigward tas-sena 2015.

**Talbiet**

— jannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati u, sa fejn ikun meħtieġ, id-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;

— jikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

---

## Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-18 ta' Lulju 2016 – HE vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-93/15)**

(2016/C 364/77)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

L-Imħallef uniku ordna t-tħassir tal-kawża.